# MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tal-04 ta' Lulju, 2017**

**Talba numru:- 581/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 28.**

**Maria Borg (ID 887654M)**
**141, Warda Mistika,**
**Triq Guze' Ellul Mercer,**
**Dingli**

**Vs**

**Robert Zammit (ID 0614164M)**
**30, Triq Carmelade Lucca,**
**San Pawl il-Bahar**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Dicembru, 2017 li permezz taghha l-attrici talbet minghand l-konvenut is-somma ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti l-valur ta' mutur tal-bahar tal-marka Yamaha li kien gie fdat lil konvenut ghal finijiet ta' tiswija pero' minflok sewwieh kkawzalu hsarat sostanzjali u rreparabbli.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifkat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lill-Avukat Difensur tal-attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib it-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' elf ewro (€1,000) bl-imghax legali mid-data ta' meta gew intavolati dawn il-proceduri fid-09 ta' Dicembru, 2016 (u mhux mid-data tal-kwerela kif qed tippretendi l-attrici) sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**